# Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-Ewropa attiva: Aġenda għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobilità kompetittiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent għal kulħadd"

*(COM(2017) 283 final)*

(2018/C 081/27)

Relatur: **Ulrich SAMM**

Korelatur: **Brian CURTIS**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 5.7.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-TFUE |
| Sezzjoni kompetenti | It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Adottata fis-sezzjoni | 2.10.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 18.10.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 529 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 111/0/0 |

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. L-aġenda għall-mobilità stabbilita fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Ewropa attiva" [COM (2017) 283 final] (il-komunikazzjoni) tirrifletti l-ambizzjoni tal-Ewropa li sal-2025 tagħmel progress rapidu lejn l-istabbiliment ta' sistema ta' mobilità nadifa, kompetittiva u konnessa li tintegra l-mezzi kollha tat-trasport madwar l-Unjoni kollha. It-trasport bit-triq fl-Ewropa, il-punt fokali ta' din il-komunikazzjoni, jiddependi fuq industrija li hija fuq quddiem nett fil-manifattura u l-provvista ta' servizzi. Il-parti tal-produzzjoni ta' dan is-settur timpjega 11 % tal-ħaddiema kollha fil-manifattura fl-UE kollha u tiġġenera 7 % tal-PDG tal-UE.

1.2. Il-Komunikazzjoni tenfasizza r-rabta mal-prijoritajiet ġenerali tal-Unjoni tal-Enerġija, is-Suq Uniku Diġitali u l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa. B'mod partikolari, din tipprova ssolvi xi kwistjonijiet pendenti tas-suq uniku tat-trasport filwaqt li tinżamm perspettiva bilanċjata dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol u l-aspetti ambjentali.

1.3. **Żona Ewropea Unika tat-Trasport** li tiffunzjona tajjeb tiddependi fuq qafas regolatorju adegwat. Il-KESE huwa tal-fehma li l-bidliet proposti fil-leġislazzjoni dwar l-aċċess għall-professjoni, l-aċċess għas-suq – inkluż il-kabotaġġ – u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, bħall-ħin għas-sewqan u għall-mistrieħ u regoli speċifiċi dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fit-trasport bit-triq ġeneralment jonqsu milli jsolvu b'mod effettiv il-problemi li jindirizzaw. Il-proposti speċifiċi dwar dawn il-kwistjonijiet huma koperti f'iktar dettall f'opinjonijiet separati tal-Kumitat. Il-KESE jenfasizza l-urġenza li jinstabu soluzzjonijiet adegwati u li jaħdmu bla xkiel, minħabba l-importanza vitali ta' qafas regolatorju adatt għall-iskop sabiex ikun żgurat suq intern li jiffunzjona tajjeb. Il-KESE f'dan il-kuntest jenfasizza li huwa jistenna li l-proposta li jmiss dwar it-trasport ikkombinat ser tindirizza wkoll kwistjonijiet ta' aċċess għas-suq.

1.4. It-teknoloġija tat-trasport bl-art x'aktarx ser tkun rivoluzzjonata minn **diġitalizzazzjoni** u awtomatizzazzjoni. Dawn it-teknoloġiji joffru għadd kbir ta' karatteristiċi ġodda għall-konsumaturi u n-negozji li jridu kwalità, konvenjenza, flessibbiltà, affordabbiltà u sikurezza aħjar fis-servizzi li jużaw u fit-tagħmir ta' kull tip. Il-KESE jinnota li din it-teknoloġija ġdida għandha l-kapaċità li ttejjeb l-effiċjenza tas-suq tat-trasport u kif ukoll li tipprovdi data analitika biex tassisti l-kontroll u l-infurzar tal-leġislazzjoni eżistenti u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali.

1.5. Is-sewqan awtomatiku issa għandu l-potenzjal li jwassal għal tibdil sinifikanti li, minbarra li jipprovdi servizzi ġodda u opportunitajiet ta' negozju, jista' jtejjeb b'mod sostanzjali s-sigurtà tal-vetturi u l-imwiet jitnaqqsu b'mod sinifikanti. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issegwi aktar il-proġett **Viżjoni Żero sal-2050**, minħabba li l-għanijiet tiegħu huma ta' importanza kbira għas-soċjetà u għaċ-ċittadini kollha tagħna.

1.6. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni sabiex tingħeleb l-interoperabbiltà dgħajfa bejn id-diversi sistemi tal-**pedaġġ tat-triq** elettroniċi eżistenti fl-Istati Membri u jiġi implimentat qafas ta' interoperabbiltà komuni. Il-KESE jikkunsidra wkoll li sistema tal-pedaġġ tat-triq flessibbli, ġusta u trasparenti u mhux diskriminatorja li tkun konformi mal-prinċipji "min jużа jħallas" u "min iniġġes iħallas" ikollha effett pożittiv ladarba d-dħul ikun allokat. L-allokazzjoni sħiħa tad-dħul tista' ġġib magħha aktar minn 500 000 opportunità ta' impjieg addizzjonali fl-Ewropa.

1.7. Il-KESE jinnota diskrepanza bejn it-**tnaqqis tal-emissjonijiet** antiċipat (13 %) fit-trasport bit-triq taħt dan il-pakkett u t-18-19 % neċessarju li s-settur tat-trasport jeħtieġ li jikkontibwixxi lejn il-kisba tal-miri dwar il-klima u l-enerġija għall-2030. Dan id-distakk jista' jingħeleb biss jekk l-Istati Membri jagħmlu sforzi sostanzjali biex jistimolaw l-introduzzjoni ta' inizjattivi għal trasport bit-triq "nadif".

1.8. Il-KESE jixtieq jenfasizza li l-produzzjoni ta' elettriku nadif hija kundizzjoni indispensabbli għal introduzzjoni b'suċċess tal-**vetturi elettriċi** (EV) għas-suq tal-massa. Madankollu, irrispettivament mit-tip ta' sors partikolari ta' elettriku, il-vetturi elettriċi, jistgħu jgħinu biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja lokali, filwaqt li l-objettivi globali tal-UE fir-rigward tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jistgħu jinkisbu biss permezz ta' politika ta' ġenerazzjoni tal-elettriku nadif.

1.9. Il-fiduċja tal-konsumaturi fl-industrija tal-karozzi u s-sistema regolatorja ġiet reċentement serjament kompromessa. Il-bini mill-ġdid tal-fiduċja permezz ta' **standards ta' emissjonijiet** realistiċi u proċeduri ta' ttestjar adegwati huma essenzjali u l-Kumitat jiddispjaċih li l-awtorità indipendenti ta' sorveljanza għall-ittestjar tal-emissjonijiet tal-vetturi fl-UE kollha proposta mill-Kummissjoni twaqfet kmieni fl-2017 wara oppożizzjoni minn uħud mill-Istati Membri.

1.10. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti miri ċari u ta' sfida fl-Ewropa għal vetturi li jaħdmu bl-enerġija nadifa sabiex jiġi stimulat is-settur tal-manifattura fl-oqsma tar-**riċerka**, l-introduzzjoni fis-suq u l-produzzjoni. Il-limitazzjonijiet tekniċi li għadhom ixekklu l-introduzzjoni aktar rapida ta' sistemi alternattivi ta' trazzjoni jistgħu jingħelbu biss permezz ta' programm ta' riċerka robust (fil-Programm Qafas li jmiss) li jkopri l-firxa sħiħa bejn ir-riċerka fundamentali, l-innovazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq.

1.11. Il-Kumitat jixtieq rikonoxximent ikbar tal-importanza li jingħata appoġġ għal tranżizzjoni modali b'aktar inċentivi favur it-trasport pubbliku u biex il-merkanzija tgħaddi mit-triq għall-ferrovija. L-istrateġija ġenerali tista' tgħin għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq iżda mhux neċessarjament ser tindirizza l-konġestjoni u t-tniġġis, b'mod partikolari hekk kif id-domanda għat-trasport bit-triq mistennija tkompli tikber.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1. Il-komunikazzjoni hija l-ewwel fażi sostanzjali tal-Pakkett ta' Mobbiltà, b'aktar proposti li se jiġu segwiti aktar tard matul is-sena. Din tpoġġi l-proposti speċifiċi, li huma koperti f'opinjonijiet separati tal-Kumitat, f'kuntest politiku, tistabbilixxi miżuri ta' sostenn bħall-pedaġġ tat-triq (inkluża l-infrastruttura meħtieġa), fjuwils alternattivi u konnettività, informazzjoni aħjar għall-konsumaturi, suq intern aktar b'saħħtu u kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, u tipproponi passi biex "titħejja t-triq" għall-mobilità kooperattiva, konnessa u awtomatizzata. Fil-prattika, il-proposta tal-Kummissjoni tinvolvi prinċipalment lis-settur tat-trasport bit-triq.

2.2. Il-komunikazzjoni tenfasizza wkoll ir-rabta mal-prijoritajiet ġenerali tal-Unjoni tal-Enerġija (l-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, inkluż l-użu tal-fjuwils b'livell baxx ta' karbonju u l-promozzjoni tal-elettromobbiltà), is-Suq Uniku Diġitali, l-impjiegi, it-tkabbir u l-aġenda għall-investiment u l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa sabiex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tagħha, u l-għanijiet sabiex titjieb il-ġustizzja u tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali stabbilita fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Din tipprova ssolvi xi kwistjonijiet pendenti tas-suq uniku tat-trasport filwaqt li tinżamm fehma bilanċjata tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol u l-aspetti ambjentali, għalkemm ċerti tensjonijiet jibqgħu.

2.3. L-aġenda għall-mobilità tirrifletti l-ambizzjoni tal-Ewropa li tagħmel progress rapidu lejn l-istabbiliment ta' sistema ta' mobilità kompetittiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent li tintegra l-mezzi kollha tat-trasport, madwar l-Unjoni kollha u li tgħaqqadha mal-ġirien tagħha u mad-dinja, sal-2025. Il-kisba ta' dan l-objettiv ambizzjuż ħafna tiddependi kemm fuq industrija li hija fuq quddiem nett fil-manifattura u l-provvista tas-servizz u fuq rieda politika b'saħħitha u effettiva min-naħa tal-Istati Membri.

2.4. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-pajjiżi tal-UE jiksbu aktar minn EUR 500 biljun fi dħul fiskali mill-vettura mis-settur tat-trasport. Il-parti tal-produzzjoni ta' dan is-settur timpjega 11 % tal-ħaddiema kollha fil-manifattura fl-UE kollha u tiġġenera 7 % tal-PDG tal-UE u EUR 90 biljun f'bilanċi kummerċjali favorevoli. Huwa settur tant b'saħħtu u importanti, fil-fatt, li l-progress f'ħafna oqsma ta' regolamentazzjoni u t-titjib fl-UE kollha mexa bil-mod preċiżament minħabba l-fatt li diversi Stati Membri jqisu s-settur bħala li huwa ta' importanza strateġika nazzjonali. Il-bidliet li jaffettwaw is-sistemi nazzjonali u l-prijoritajiet, bħall-ftuħ tas-suq u l-pedaġġ tat-triq, spiss jieħdu żmien twil biex jiġu adottati u implimentati.

2.5. L-Ewropa mhijiex tibda mill-bidu. L-implimentazzjoni tas-suq intern u l-objettivi ta' sostenibbiltà taw riżultati sinifikanti. Il-KESE diġà esprima l-opinjonijiet tiegħu f'għadd ta' opinjonijiet, bħal dawk li jindirizzaw iż-żona unika Ewropea tat-trasport ([1]) bħala s-sinsla tas-suq intern ħieles, tal-ivvjaġġar multimodali ([2]) u tas-suq intern tal-merkanzija bit-triq internazzjonali ([3]). L-iżvilupp sostenibbli tal-politika tat-trasport tal-UE ([4]) għandu rwol ewlieni, b'mod partikolari d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport ([5]) u l-impatt tal-konklużjonijiet tal-COP21 fuq il-politika Ewropea tat-trasport ([6]). L-implikazzjonijiet tad-diġitalizzazzjoni u r-robotizzazzjoni tat-trasport għat-tfassil tal-politika tal-UE ([7]), kif ukoll il-prospetti għal Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi ([8]), se jkunu elementi dejjem aktar importanti tal-politika tat-trasport tal-UE, indirizzati wkoll mill-KESE.

2.6. Madankollu, għad baqa' ħafna xi jsir. L-aġenda għall-mobilità teħtieġ li twitti t-triq għal sistema Ewropea tat-trasport li tista' tlaħħaq mal-isfidi ewlenin immexxija mid-diġitalizzazzjoni u mill-impatt ambjentali.

## 3. **Diġitalizzazzjoni**

3.1. Id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni bbażati fuq Internet li jgħaġġel u affidabbli joffru għadd kbir ta' karatteristiċi ġodda għall-konsumaturi u n-negozji li jridu kwalità, konvenjenza, flessibbiltà, affordabbiltà u sikurezza aħjar fis-servizzi li jużaw u fit-tagħmir ta' kull tip. Huma joffru wkoll tekniki ġodda effettivi għall-analiżi, il-kontroll u l-infurzar tal-leġislazzjoni eżistenti u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u dawk soċjali. It-teknoloġija tat-trasport fuq l-art, b'mod partikolari, x'aktarx li se tiġi rivoluzzjonata mid-diġitalizzazzjoni. Wieħed mill-għanijiet ġenerali għandu jkun li jiġu armonizzati s-sistemi jew li jinstabu soluzzjonijiet tekniċi sabiex ikunu jistgħu joperaw b'mod transkonfinali, peress li dan huwa vitali għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Eżempju ta' dan hija l-introduzzjoni imminenti ta' takografi intelliġenti. Madankollu, hemm skeda ta' 15-il sena għall-modifika proposta tal-vetturi eżistenti. Dan il-limitu taż-żmien għandu jitnaqqas b'mod sostanzjali.

3.2. L-istrateġija tal-UE għal **mobilità kooperattiva, konnessa u awtomatizzata** (C-ITS) u l-implimentazzjoni tagħha tiddeskrivi l-ewwel passi lejn sewqan awtomatizzat (ara wkoll TEN/621). Il-**konnettività** bejn il-vetturi u bejn il-vetturi u l-infrastruttura stazzjonata hija karatteristika ewlenija li se tkun meħtieġa biex isir użu sħiħ mit-teknoloġija diġitali. Għalhekk, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-għanijiet strateġiċi għas-sena 2025 ippreżentati f'komunikazzjoni reċenti dwar "Soċjetà Ewropea tal-Gigabits" ([9]). Dan stabbilixxa skeda ta' żmien għall-iżvilupp ta' infrastruttura Ewropea tal-broadband b'kapaċità għolja li tkun tipprovdi kopertura tal-5G mingħajr interruzzjonijiet b'kapaċità għolja ħafna ta' konnettività tal-Internet tul ir-rotot ewlenin kollha tat-trasport terrestri.

3.3. Id-diġitalizzazzjoni se tkun ukoll kruċjali għall-iżvilupp ta' mudelli ġodda tas-suq, inklużi diversi tipi ta' pjattaformi u kunċetti ta' **ekonomija kondiviża** li għandhom il-potenzjal li jtejbu l-effiċjenza fir-riżorsi, iżda li jqajmu wkoll għadd ta' kwistjonijiet soċjali u relatati mal-konsumatur, bħar-rwol u l-istatus tal-pjattaformi tal-Internet u l-bidliet fuq is-suq tax-xogħol.

3.4. Il-potenzjal ta' **sewqan awtomatizzat**, inkluż fir-rigward ta' karozzi mingħajr sewwieq, jitqies prinċipalment bħala opportunità għal mudelli ġodda ta' negozju. Madankollu, il-kwistjonijiet ta' responsabbiltà huma importanti wkoll u jeħtieġ li jiġu ċċarati fl-UE b'mod armonizzat. Konsegwenza oħra ta' sewqan awtomatiku jew semiawtomatiku hija li dan jista' jtejjeb is-sikurezza attiva tal-vetturi tal-art b'mod sinifikanti. Il-fatalitajiet fit-toroq naqsu b'fattur ta' erbgħa sa mis-snin

---

([1]) ĠU C 291, 4.9.2015, p. 14.
([2]) ĠU C 12, 15.1.2015, p. 81.
([3]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 176.
([4]) ĠU C 248, 25.8.2011, p. 31.
([5]) ĠU C 173, 31.5.2017, p. 55.
([6]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 10.
([7]) ĠU C 345, 13.10.2017, p. 52.
([8]) ĠU C 288, 31.8.2017, p. 85.
([9]) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 51.

1970, primarjament minħabba l-introduzzjoni ta' elementi ta' sikurezza passivi fil-karozzi. Madankollu, sfortunatament għad hemm 25 500 persuna li tilfu ħajjithom f'inċidenti fit-toroq tal-UE fl-2016. Issa, billi jiġu żviluppati u introdotti karatteristiċi ta' sikurezza attiva avvanzati (sewqan semiawtomatiku, karozzi konnessi), għandu jkun possibbli li l-imwiet jitnaqqsu b'mod sinifikanti, jew anki jiġu eliminati għal kollox, kif stipulat fil-proġett ta' sikurezza Viżjoni Żero. Dan il-proġett, li beda fl-Iżvezja fl-1997, aktar tard ittieħed f'idejn l-UE iżda qatt ma kiseb ir-riżultati antiċipati. Is-sewqan awtomatiku issa għandu l-potenzjal li jwassal għal tibdil sinifikanti. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issegwi aktar il-proġett **Viżjoni Żero sal-2050**, minħabba li dan l-għan huwa ta' importanza kbira għas-soċjetà u għaċ-ċittadini kollha tagħna.

4. **Iż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport**

4.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni ħadet l-inizjattiva biex tiċċara l-qafas regolatorju dwar is-suq tat-trasport bit-triq u biex tiżgura infurzar aħjar, filwaqt li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tiġġieled id-dumping soċjali, sabiex b'hekk tiżgura suq intern li jiffunzjona tajjeb fis-settur. Il-bidliet proposti jindirizzaw l-aċċess għall-professjoni, l-aċċess għas-suq – inkluż il-kabotaġġ – u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, bħall-ħin għas-sewqan u għall-mistrieħ, u regoli speċifiċi dwar il-kollokament ta' ħaddiema fit-trasport bit-triq.

Madankollu, il-KESE jaħseb li l-bidliet proposti fil-leġislazzjoni, minkejja li juru ambizzjoni biex ir-regolamenti jkunu jistgħu jiġu infurzati faċilment u li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta, ħafna minnhom ma jirnexxilhomx isolvu l-problemi li jindirizzaw inklużi dawk li tfaċċaw waqt l-implimentazzjoni tal-qafas attwali. Il-KESE jinnota li l-inizjattiva ġġenerat perspettivi diverġenti fost l-Istati Membri, is-sħab soċjali u l-operaturi. Huwa jsostni li l-uniku mod sostenibbli 'l quddiem huwa permezz ta' leġislazzjoni ċara u li tista' tiġi infurzata faċilment, li toffri sigurtà legali fir-rigward tal-aċċess għas-suq u protezzjoni adegwata tad-drittijiet soċjali. Barra minn hekk, il-KESE jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jintuża IT modern (takografi, eċċ.) u infrastruttura effiċjenti (spazji ta' parkeġġ sikuri) biex jgħinu l-implimentazzjoni u l-infurzar. Element sorprendenti tal-komunikazzjoni huwa li t-trasport ikkombinat huwa indirizzat mhux bħala kwistjoni ta' aċċess għas-suq, iżda biss bħala kwistjoni biex tiġi ottimizzata s-sostenibbiltà. (Għal dettalji dwar il-pożizzjoni tal-KESE fuq dawn il-proposti, ara opinjonijiet separati adottati).

4.2. Il-KESE jilqa' l-intenzjoni li tiġi emendata d-direttiva dwar l-użu ta' **vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq** għat-trasport ta' merkanzija bit-triq, iżda jixtieq jesprimi xi riżervi dwar il-konsegwenzi possibbli. Dawn jaqgħu f'żewġ kategoriji: l-ewwel waħda tikkonċerna t-tkabbir possibbli tal-kumpaniji tal-isem (LBCs), filwaqt li t-tieni hija relatata mal-possibbiltà li operatur iwettaq kabotaġġ illegali mingħajr ma jinqabad.

4.3. Il-KESE jikkunsidra li l-implimentazzjoni ta' sistema ta' **pedaġġ tat-triq** flessibbli, ġusta, trasparenti, mhux diskriminatorja u mingħajr burokrazija, li hija konformi mal-prinċipju ta' "min juża jħallas" u "min iniġġes iħallas", ikollha effett pożittiv jekk id-dħul għall-użu tal-infrastruttura tat-toroq diġà jkun ġie assenjat u s-suq intern tat-trasport ikun inżamm ħieles minn prattiki diskriminatorji. L-allokazzjoni sħiħa tad-dħul tista' ġġib magħha aktar minn 500 000 opportunità ta' impjieg addizzjonali fl-Ewropa. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni sabiex tingħeleb l-interoperabbiltà dgħajfa bejn id-diversi **sistemi tal-pedaġġ tat-triq elettroniċi** eżistenti fl-Istati Membri u sabiex tiġi introdotta sistema tal-pedaġġ tat-triq elettronika uniformi madwar l-UE fuq il-bażi ta' teknoloġija avvanzata. (Għal aktar dettalji ta' dawn il-pożizzjonijiet ara l-opinjoniet tal-KESE adottati dwar dawn il-kwistjonijiet speċifiċi).

5. **Lejn sistema tat-trasport sostenibbli**

5.1. It-trasport jikkontribwixxi għal madwar 20 % tal-**emissjonijiet ta' gassijiet serra** fl-Ewropa. Filwaqt li l-attività tat-trasport qiegħda tikber, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jeħtieġ li jissodisfaw l-objettivi tal-enerġija u tal-klima tal-UE għall-2030. Għaldaqstant, il-pakkett ta' Novembru 2016 intitolat "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha" kien jinkludi azzjoni sabiex jiġi aċċellerat l-użu tal-fjuwils tat-trasport b'livell baxx ta' karbonju u sabiex tiġi appoġġjata l-elettromobbiltà, li ntlaqgħet mill-KESE ([10]).

5.2. B'mod ġenerali, it-tendenza ta' tnaqqis fl-emissjonijiet totali tat-trasport hija mistennija li tkompli taħt it-tendenzi attwali u l-politiki adottati, u dan iwassal għal 13 % inqas emissjonijiet sal-2030 meta mqabbla mal-2005 (u 15 % sal-2050). Dan, madankollu, mhuwiex konformi mat-tnaqqis ta' 18-19 % fl-emissjonijiet kosteffettivi, li s-settur tat-trasport ikun jeħtieġ li jikkontribwixxi lejn l-ilħuq tal-miri tal-klima u tal-enerġija tal-2030. Il-KESE jaqbel li l-istabbiliment ta' limiti għall-

([10]) ĠU C 246, 28.7.2017, p. 64.

emissjonijiet ta' vetturi ġodda huwa għodda effettiva biex jitnaqqsu l-emissjonijiet iżda mhuwiex biżżejjed biex jintlaħqu l-miri stabbiliti. Għalhekk dawn għandhom jiġu kkumplimentati b'miżuri biex itejbu iktar l-effiċjenza tal-enerġija u jippromwovu l-użu ta' fjuwils alternattivi u sistemi ta' propulsjoni, inklużi l-LNG u l-elettriku permezz ta' sistemi abbord jew toroq elettrifikati, kif ukoll **pedaġġi tat-triq**.

5.3. L-aspettattivi tal-**vetturi elettriċi** (EVs) huma għoljin, kif intwera mid-dikjarazzjonijiet tal-Istati Membri li dawn se jkunu qegħdin isegwu lin-Norveġja (2025), Franza u r-Renju Unit (2040) fil-projbizzjoni tal-karozzi ġodda kollha (li jaħdmu bil-petrol u bid-diżil) b'magna b'kombustjoni interna. L-EVs qegħdin juru tkabbir rapidu tas-suq mad-dinja kollha. Fl-2016, l-għadd ta' vetturi elettriċi fit-triq globalment laħaq iż-żewġ miljuni, iżda xorta jammonta għal 0,2 % biss tal-karozzi tal-passiġġieri kollha (IEA 2017). L-aktar tkabbir assolut b'saħħtu qiegħed iseħħ fiċ-Ċina u huwa mmexxi prinċipalment mill-problemi tat-tniġġis tal-arja u miri ta' tnaqqis. Fl-Ewropa, jeħtieġ li jiġu stabbiliti miri ċari u ta' sfida għal vetturi li jaħdmu bl-enerġija nadifa sabiex jiġi stimulat is-settur tal-manifattura fl-oqsma tar-riċerka u l-produzzjoni.

5.4. L-introduzzjoni aktar rapida tal-EVs ġiet imxekkla minn **limitazzjonijiet tekniċi** relatati mal-prestazzjoni tal-batteriji. Filwaqt li l-ispiża tal-batteriji qiegħda tonqos aktar malajr milli kien mistenni, xorta għad hemm xi problemi miftuħa (f'xi każijiet konfliġġenti) b'parametri li jillimitaw il-prestazzjoni tal-EVs: il-piż, il-kapaċità tal-iċċarġjar (il-limitu tal-firxa), il-veloċità tal-iċċarġjar u l-kwistjonijiet ta' tul tal-ħajja/deterjorament. Madankollu, il-vetturi elettriċi qed isiru rikonoxxuti bħala l-qasam ta' tkabbir ewlieni fil-futur fil-karozzi u l-vetturi kummerċjali ħfief.

5.5. Il-limitazzjonijiet tekniċi jistgħu jingħelbu biss permezz ta' programm ta' **riċerka** robust li jkopri l-firxa sħiħa bejn ir-riċerka fundamentali u l-innovazzjoni. Il-programmi ta' riċerka tal-Ewropa, b'mod partikolari Orizzont 2020, huma ffokati sew u r-riċerka hija attiva f'diversi oqsma alternattivi, bħat-tipi ġodda ta' batteriji jew ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu. L-għanijiet huma promettenti, iżda proporzjon kbir ta' din ir-riċerka għadu fi stadju bikri. Madankollu, aħna diġà għandna xi riżultati inizjali, kif muri mill-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (www.fch.europa.eu).

5.6. Sabiex jingħelbu l-inċertezzi dwar il-futur tas-sistemi ta' trazzjoni għall-vetturi, l-Unjoni Ewropea teħtieġ li tkompli bi **prijorità ta' riċerka** relatata mat-trasport iddedikata fil-Programm Qafas li jmiss, li għaliha l-Istrateġiji ta' Riċerka u Innovazzjoni tat-Trasport Ewropew kif definiti mill-Kummissjoni Ewropea u l-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej bħall-Kunsill Konsultattiv għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Avjazzjoni fl-Ewropa jifformaw bażi soda. Barra minn hekk, kollaborazzjoni li tkopri l-katina kollha tal-Livelli ta' Tħejjija Teknoloġika mir-riċerka bażika sal-applikazzjoni hija l-aktar triq effettiva lejn l-introduzzjoni fis-suq.

5.7. Il-KESE jixtieq itenni [11] l-fatt li hemm nuqqas ta' **armonizzazzjoni** bejn il-finanzjament tar-riċerka nazzjonali u tal-UE. Pereżempju, il-kunċett ta' Power-to-X – jiġifieri, il-konverżjoni elettrokimika ta' fwar u diossidu tal-karbonju bl-użu ta' elettriku ġġenerat b'mod rinnovabbli għall-produzzjoni ta' "synfuels" – hija appoġġjata b'mod qawwi mill-programm ta' finanzjament Ġermaniż [12], mingħajr ebda approċċ komplimentari min-naħa tal-UE.

5.8. Abbażi tat-teknoloġija eżistenti, l-Ewropa attwalment għandha domanda dejjem tikber għall-batteriji. Il-maġġoranza tal-kapaċità tal-produzzjoni taċ-ċelloli globali tibqa' fl-Asja u fl-Istati Uniti. Il-KESE għandu l-istess tħassib tal-Kummissjoni li l-industrija tal-karozzi se tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq l-importazzjonijiet ta' ċelloli tal-batteriji, u b'hekk tesponi l-provenjenza tagħhom għal diversi riskji. **Industrija Ewropea tal-batteriji** lokali li kapaċi tissodisfa d-domanda hija fl-interess tal-manifatturi tal-karozzi Ewropej.

5.9. L-appoġġ għall-elettromobilità mhuwiex limitat għall-iżvilupp tal-batteriji. Għall-vetturi tqal tal-merkanzija, b'mod partikolari, is-soluzzjonijiet alternattivi jinkludu l-għażla ta' **toroq elettrifikati** bi propulsjoni elettrika permezz ta' kejbils fl-għoli jew binarji fil-wiċċ tat-triq (Awtostrada elettronika eċċ.) Kwistjoni komuni għal sistemi ta' propulsjoni alternattivi hija l-importanza tal-iżvilupp ta' standards komuni sabiex ikun permess it-traffiku transkonfinali u sabiex jinħoloq mill-inqas suq madwar l-UE u preferibbilment suq dinji. In-netwerk TEN-T, speċjalment il-Kurituri tan-Netwerk Ewlieni, jista' jkun għodda għal dan.

---

[11] ĠU C 34, 2.2.2017, p. 66.
[12] https://www.kopernikus-projekte.de/projekte/power-to-x

5.10. Il-**magna b'kombustjoni interna**, li tirrappreżenta s-sinsla tal-mobilità tagħna fit-toroq, qed ikollha dejjem aktar oppożizzjoni. Il-kumpaniji u s-sistema regolatorja relatata mal-emissjonijiet tal-vetturi qed jonqsu fil-fiduċja li tingħatalhom, b'mod partikolari issa li ġiet żvelata l-eżistenza ta' apparat ta' manipulazzjoni illegali. Dawn jinterferixxu mal-kontrolli tal-emissjonijiet jew iwaqqfuhom taħt il-kundizzjonijiet tas-sewqan fid-dinja reali. Madankollu, anke mingħajr prattiki illegali, huwa fatt magħruf li l-vetturi li jgħaddu mit-testijiet tal-emissjonijiet formali normalment jipproduċu livelli ferm ogħla ta' tniġġis fil-kundizzjonijiet tas-sewqan fid-dinja reali. Ir-raġuni ewlenija għall-problemi tal-lum huwa l-fatt li matul dawn l-aħħar deċennji din id-diskrepanza kibret. Hemm ħtieġa urġenti li terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-konsumatur fl-industrija tal-karozzi u terġa' tinbena fiduċja fis-sistema regolatorja, permezz ta' standards tal-emissjonijiet realistiċi u proċeduri ta' testijiet adegwati. Il-Kumitat jiddispjaċih li l-awtorità indipendenti ta' sorveljanza għall-ittestjar tal-emissjonijiet tal-vetturi fl-UE kollha proposta mill-Kummissjoni twaqfet kmieni fl-2017, wara oppożizzjoni minn uħud mill-Istati Membri.

5.11. Madankollu, id-dibattitu dwar il-magni tal-kombustjoni kontra t-trazzjoni elettrika għandu jmur lil hinn mill-istandards tal-emissjonijiet. B'mod partikolari, hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn l-effetti fuq it-tisħin **globali** u dawk fuq it-tniġġis tal-arja **lokali**. Biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja lokali, l-ewwel għażla huma l-vetturi elettriċi b'żero emissjonijiet lokali. Madankollu, l-EVs normalment mhumiex ħielsa mill-emissjonijiet meta kkunsidrati globalment. Il-livell tal-emissjonijiet jiddependi fuq il-metodu tal-ġenerazzjoni tal-elettriku għall-iċċarġjar tal-batteriji u l-proċessi ta' manifattura għall-batteriji. Peress li s-sehem tal-ġenerazzjoni tal-elettriku mingħajr karbonju juri diskrepanzi kbar fl-Istati Membri, huwa evidenti li s-suċċess tal-EVs fir-rigward tal-ilħuq tal-objettivi tal-klima tal-UE jiddependi fuq il-pajjiż li fih topera l-EV. L-appoġġ tal-UE għall-**elettromobilità** għandu jqis il-fatt li din il-kwistjoni hija konnessa mill-qrib mal-qasam tal-ġenerazzjoni tal-elettriku kif diskuss fil-kuntest tal-**Unjoni Ewropea għall-Enerġija**.

5.12. Il-magni tal-kombustjoni fit-triq huma attwalment superjuri għas-sewqan fit-tul u xogħol heavy-duty. Fir-rigward ta' kemm it-trazzjoni elettrika tista' tlaħħaq, għandna nkunu ippreparati għal **ħin twil ta' tranżizzjoni** bil-koeżistenza taż-żewġ sistemi ta' trazzjoni. Il-karozzi ibridi, pereżempju, li jistgħu jaqilbu bejn kombustjoni għal sewqan fit-tul u trazzjoni elettrika fi ħdan belt, jistgħu jipprovdu soluzzjoni li għaliha l-industrija Ewropea tal-karozzi hija mħejja sew. Għal uħud mill-użi (bħall-merkanzija fuq distanzi twal), il-vetturi tal-elettriku tal-batterija mhumiex adatti. Hemm firxa wiesgħa ta' teknoloġiji alternattivi li jistgħu jintużaw, bħal ċelloli tal-fjuwil li jaħdmu bl-idroġenu u l-awtostradi elettrifikati. L-Ewropa teħtieġ li tinvesti fl-iżvilupp tagħhom biex tinbena t-tmexxija industrijali fit-trasport ekoloġiku.

5.13. Il-KESE jappoġġja l-iżvilupp ta' taħriġ professjonali dwar il-loġistika madwar l-Istati Membri kollha biex jiġu provduti ħiliet ġodda b'appoġġ għall-inizjattivi f'dan il-pakkett.

5.14. Ta' min jinnota li l-bliet il-kbar madwar l-UE stabilixxew b'mod indipendenti firxa wiesgħa ta' inizjattivi biex jindirizzaw il-konġestjoni u t-tniġġis. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex twessa' il-ħidma eżistenti tagħha mal-awtoritajiet muniċipali dwar l-aħjar prattika u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS